

Parti oħra fil-proċedura: KL

### Talbiet

- tilqa' l-appell bħala ammissibbli u fondat;
- tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali fil-Kawża T-370/20;
- jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li l-kawża hija fi stat li tiġi deċiża, tilqa' t-talbiet tal-BEI fl-ewwel istanza;
- tikkundanna lil KL għall-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi.

### Aggravji u argumenti prinċipali

Insostenn tal-appell tiegħu, il-BEI iqajjem żewġ aggravji.

L-ewwel aggravju, ifformulat ferba' partijiet, jirrigwarda l-interpretazzjoni żbaljata tar-regoli interni tal-BEI fil-qasam ta' invalidità.

Fl-ewwel lok, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi rigward il-kunċett ta' invalidità kif previst fl-Artikolu 46(1) tar-Regoli Tranżitorji tal-Iskema tal-Pensjoni applikabbli għall-membri tal-persunal tal-BEI (RTIP) u l-Artikolu 11(1) tad-Dispożizzjonijiet Amministrattivi tal-BEI. Billi kkunsidrat li l-kunċett ta' invalidità fis-sens tal-imsemmija artikoli għandu jiġi interpretat fis-sens li jinkludi l-aġent tal-BEI li huwa ddikjarat minn kummissjoni ta' invalidità stabbilita minnu bħala li ma huwiex kapaċi li jerġa' jibda l-funzjonijiet tiegħu jew funzjonijiet ekwivalenti fi ħdan dan l-organu, il-Qorti Ġenerali żnaturat il-kliem u l-kontenut tar-regoli interni tal-BEI u adottat interpretazzjoni li tikkontradiċi r-raġuni tal-eżistenza tal-pensjoni tal-invalidità inkwantu miżura ta' protezzjoni soċjali.

Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi inkwantu eskudiet il-kompetenza tal-kummissjonijiet ta' invalidità stabbiliti mill-BEI li jiddeċiedu dwar il-kapaċità ta' aġent tal-Bank li jeżerċita attivitajiet barra minn ħdanu, fuq is-suq ġenerali tax-xogħol.

Fit-tielet lok, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta interpretat l-Artikolu 46(1) RTIP u l-Artikolu 11(1) tad-dispożizzjonijiet amministrattivi abbażi ta' raġunament b'analoġija mal-Artikolu 78 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Fir-raba' lok, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ħadhet l-interpretazzjoni sostnuta mill-BEI tal-Artikoli 51(1) tar-RTRP u billi naqset milli tinterpreta l-imsemmi artikolu flimkien mal-Artikolu 46(1) tar-RTRP.

It-tieni aggravju, ifformulat f'żewġ partijiet, huwa bbażat fuq żnaturament doppju tal-fatti.

Fl-ewwel lok, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi sa fejn ikkunsidrat bħala ġuridikament vinkolanti dokumenti tal-kummissjoni ta' invalidità li ma kinux iffirmati mill-membri kollha tal-imsemmija kummissjoni.

Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali evalwat b'mod żbaljat il-kontenut tal-opinjoni tal-kummissjoni ta' invalidità sa fejn qieset li l-kummissjoni ta' invalidità kienet iddikjarat li r-rikorrent ma kienx kapaċi jeżerċita funzjonijiet fil-BEI meta l-formoli ffirmati mill-membri kollha tal-imsemmija Kummissjoni kienu jiddikjaraw li r-rikorrent ma kienx invalidu.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Vrchní soud v Praze (ir-Repubblika Ċeka) fis-7 ta' Frar 2022 – ALD Automotive s.r.o. vs DY, amministratur ġudizzjarju tal-kumpannija debtriċi GEDEM-STAV a.s.**

(Kawża C-78/22)

(2022/C 213/32)

Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek

### Qorti tar-rinviju

Vrchní soud v Praze

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: ALD Automotive s.r.o..

Konvenut: DY, amministratur ġudizzjarju tal-kumpannija debitorici GEDEM-STAV a.s.

**Domandi preliminari**

- 1) Liema huma l-kriterji li għandhom jiġu ssodisfatti sabiex tkun tista' tintalab, tal-inqas is-somma stabbilita ta' EUR 40 msemija fl-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2011/7/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar il-ġlieda kontra l-ħlas tard fi transazzjonijiet kummerċjali <sup>(1)</sup>, fil-każ ta kuntratti li jirrigwardaw prestazzjonijiet repetuti jew kontinwi?
- 2) Il-qrati tal-Istati Membri jistgħu, b'riferiment għall-prinċipji ġenerali tad-dritt privat, jirrifjutaw li jilqgħu talba skont l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva?
- 3) Fil-każ ta risposta fl-affermattiv għat-tieni domanda, taħt liema kundizzjonijiet il-qrati tal-Istati Membri jistgħu jirrifjutaw li jagħtu l-ammont tat-talba msemija fl-Artikolu 6(1) tad-Direttiva?

<sup>(1)</sup> ĠU 2011, L 48, p. 1.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado de Primera Instancia de Cartagena (Spanja)  
fit-8 ta' Frar 2022 – RTG vs Tuk Tuk Travel S.L.**

(Kawża C-83/22)

(2022/C 213/33)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

**Qorti tar-rinviju**

Juzgado de Primera Instancia de Cartagena

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: RTG

Konvenut: Tuk Tuk Travel S.L.

**Domandi preliminari**

- 1) L-Artikoli 169(1) u 2(a) TFUE u 114(3) TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu l-Artikolu 5 tad-Direttiva (UE) 2015/2302 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar pakketti tal-ivvjaġġar u arranġamenti tal-ivvjaġġar marbuta, li temenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/314/KEE <sup>(1)</sup>, peress li dan l-artikolu ma jinkludix, fost l-informazzjoni obbligatorja prekuntrattwali li għandha tiġi pprovduta lill-vjaġġgaturi, id-dritt irrikoxxt lill-vjaġġgaturi mill-Artikolu 12 tal-imsemmija direttiva, li jiġi tterminat il-kuntratt qabel il-bidu tal-pakkett u li jinkiseb kumpens sħiħ tal-ħlas li jkun sar, fil-każ ta' ċirkustanzi inevitabli u straordinarji li jaffettwaw b'mod sinjifikattiv l-eżekuzzjoni tal-pakkett?
- 2) L-Artikoli 114 u 169 TFUE, kif ukoll l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2015/2302, jipprekludu l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' dispożittiv u ta' kongruwenza previsti fl-Artikoli 216 u 218(1) tal-Ley de Enjuiciamiento Civil (il-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili), meta dawn il-prinċipji proċedurali jistgħu jostakolaw il-protezzjoni sħiħa tal-konsumatur rikorrent?

<sup>(1)</sup> ĠU 2015, L 326, p. 1.